KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 01/2020**

14 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Vici-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**1.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

1.1.1 Ma kienx hemm

**1.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

1.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 12 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

1.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-minuti ġew approvati unanimament

**1.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

1.3.A Punt 12.3.2 Mis -seduta preċedenti : Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi aktar tard f'Jannar 2020 ser tkun qed tiġi mgħajta laqgħa b'urġenza biex jiġi approvat il-budget għas-sena 2020 kif ukoll il-financial statements.

1.3.B1 Is-Sindku talab lis-Seg Eżek toħroġ mill-kamra fejn issir is-seduta formali biex b'hekk il-kunsill ikun jista' jiddiskuti liberalment il-performance bonus tagħha fejn il-kunsill qabel unanimament illi s-Seg Eżek għandha tieħu l-għaxra fil- mija bħala performance, kif ukoll id-deputat Seg Eżek tal-istess kunsill għandu jieħu wkoll għaxra fil-mija tal-performance bonus wara li dan tagħha s-sehem tiegħu fis-sena 2019 fl-assenza tas-Seg Eżek minħabba li kienet bil-maternity leave.

1.3.B2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi s-Seg Eżek ġabret kwotazzjonijiet formali biex sa fl-aħħar ikun jista' jsir risk assessment fuq il-bandli tal-Kalkara. Safrattant is-Sindku qara direttiva li intbgħatet il-kunsill kollha fuq l-istess suġġett, fejn prattikament tgħid illi risk assessment fuq il-bandli għandu jsir kull sena biex wieħed ikun konformi mal-liġi.

1.3.C Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-awtorita' tal-artijiet għaddiet id-devoluzjoni ta' 3 garaxxijiet biswit l-uffiċini amministrattivi tal-kunsill lill-istess kunsill wara ħafna snin bil-klawżola ċara li jridu jintużaw bħala librerija u berġa għal benefiċċju tar-residenti tal-lokal.

Fl-istess ħin is-Sur Sindku saħaq illi fil-bidu tal-legislatura, lura f'Lulju 2019 f-laqgħat / diskussjonijiet li kellhu mall-kura primarja dawn saħqu illi dawn il-garaxxijiet m'humiex addattati biex issir klinika minħabba raġunijiet varji. Tant u hekk kompla jispjega illi lura f'dak iz-zmien, rapprezentanti tal-Kurja Primarja taw direzzjoni lis-Sindku sabiex imorru jaraw postijiet oħra fill-Kalkara

Il-kunsill qabel unanimament illi jekk dan hu il-kaz li dawn il-garaxxijiet mhumiex tajbin ghall-berga wieħed għandu jibda billi jġib konferma bil-miktub li dawn is-siti m'humiex adekwati u forsi xi opzzjonijiet oħra li wieħed għandu jikkonsidra. Fl-

istess ħin il-kunsill qabel illi dawn il-garaxxijiet qabel ma jkollu kollox bil-miktub mal-kura primarja m'għandomx jitilqu minn idejn l-istess kunsill ħabba raġunijiet ovvji.Sadattant , is-Sindku talab lis-Seg.Eżek. biex tiskeda laqgha mal-Kurja Primarja dwar din l-issue.

1.3.D Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-latrina tax-Xatt ġiet ivvandalizzata għal darboħra fejn din tal-aħħar kienet gravi u ddeċieda hu illi jalgħaqa biex b'hekk il-kunsill jieħu pozizzjoni fuq kif ser jirranġa s-sitwazzjoni minħabba l-fatt illi din ma kinitx l-ewwel darba li ġiet imkissra, apparti l-fatt illi ta' kuljum il-ħaddiema iħabbtu wiċċom ma' ħmieġ tal-biża.

Il-kunsill qabel unanimament illi wieħed għandu jitkellem mal-cleansing directorate fuq xi tip ta' arranġament wieħed jista' jagħmel magħhom biex din l-letrina jkollha attendant, fl-istess ħin is-Seg Eżek ser tkun qed tipprova titlob għal ħaddiem ieħor bl-iskema li lest jieħu ħsieb dan is-sit tant bżonnjuż u viċin il-bandli.

1.3.E Is-Sindku informa l-kunsill dwar applikazzjoni li tikkonċerna l-planning authority ġewwa Triq it-Turetta, fejn is-Seg Eżek kienet attendiet board meeting u tkellmet rigward il-fatt illi fiż-żona ta' żvilupp fuq dan il-permess hemm cart ruts li huma uniċi fin-naħat tal-Kalkara kif ukoll immorru lura għaż-żmien in-neolitiċi. Kien hemm ukoll bħala support l-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara , fejn flimkien ma' xi residenti taż-żona għamlu l-oġġezzjoni tagħhom biex dawn l-istess cart ruts ma jitmessewx.

L-applikazzjoni ġiet sospiża sakemm isir rapport arkeoloġiku minn naħa tal-perit li qed jieħu ħsieb dan l-iżvilupp.

## 1.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

1.4.A1 Is-Sur Vincent Bongailas staqsa rigward il-meeting li kellu jsir mal-MCST rigward l-aċċes ta' taraġ taħt bighi kienx sar. Is-Seg Eżek ikkonfermat illi dan il-meeting qiegħed jiġi kkordinat fejn hu stess qiegħed ikkupjat fl-emails kollha

1.4.A2 Is-Sur Vincent Bongailas, talab lista ta' informazzjoni fuq l-impjegati li jaħdmu mal-kuntratturi tal-kunsill għall-informazzjoni tal-kunsill u biex wieħed ikollu referenza jekk xi darba jinqala xi ħaġa

1.4.A3 Is-Sur Vincent Bongailas saħaq illi l-kunsill għandu jieħu deċiżjoni rigward l-iskips il-ħodor li hawn madwar il-Kalkara minħabba l-fatt li qed jiġġeneraw ħafna ħmieġ magħhom. Is-Sindku informa lis-Sur Bongailas illi dan il-punt kien diga qajjmu hu sab oppozizzjoni u ma kienx hemm qbil li jinehhew. Is-Sindku zid jghid li kien għadu kif talab li jiġi skedat meeting mas-Seg Eżek kif ukoll mal-contracts manager biex b'hekk isir rescheduling ta' dawn l-istess skips fil-futur qarib biex b'hekk ikun hawn inqas żoni b'rebus ta' ħmieġ fihom u n-nies jibqgħu moqdija xorta fil-preżent.

1.4.A4 Dan il-punt diġa' ġie diskuss aktar kmieni f'din is-seduta

1.4.A5 Is-Sa. Maria Sultana saħħqet illi ma jistax ikun illi kuntrattur bħal dak li qed jaħdem ġewwa taraġ San Ġużepp jibqa' għaddej romblu minn fuq il-kunsill u jitħalla jagħmel li jrid. Tajjeb li wieħed ikun jaf meta dawn ix-xogħolijiet ser jitlestew il-għaliex l-istess xogħolijiet ilhom għaddejin xhur fejn ir-residenti taż-żona qiegħedin jgħixu fi skariċċ kbir minħabba fih apparat il-fatt illi ingħalaq l-aċċess tal-istess taraġ.

1.4.B1 Il-Kunsilliera Maria Sultana tablet illi l-ħaxix ħażin minn ġol planters li tpoġġew ġewwa Triq il-Missjoni Taljana jiġi maqtgħuh kif suppost u forsi jinżeraw xi fjuri biex jagħtu dehra aħjar f'dik iż-żona

1.4.B2 Il-Kunsilliera Maria Sultana tablet biex tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur tal-knis biex is-side bins ta' ġot-toroq jitbattlu aktar ta' spiss kif ukoll issir lista tagħhom biex l-istess kuntrattur ikollu lista ċara ta' fejn qiegħedin u ma jinqabiżx xi wieħed.

1.4.B3 Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet il-kunsill jekk kellux għad-dispożizzjoni tiegħu xi notice board li ma tintużax biex b'hekk tkun tista' tiġi mgħoddija lill-iskola biex tintuża minn naħa tal-amministrazzjoni.

Is-Seg ikkonfermat illi sa fejn taf hi ma kien hemm l-ebda notice board li ma tintużax pero' l-istess amministrazzjoni tal-iskola tista' tibgħatila l-posters li tkun trid illi n-nies jaraw u hi tieħu ħsieb li jitweħħlu fin-notice boards tal-kunsill kif ħafna entitajiet oħra diġa' jagħmlu.

1.4.C1 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat il-kunsill illi residenta fiż-żona ta' Santu Rokku ilha titlob biex titneħħa s-'sleeping police' li kienet saret snin ilu fil-viċinanzi tar-residenza tagħha.

Is-Sindku flimkien ma' xi kunsilliera oħra kkonfermaw illi fl-akkwata hemm min irid dik it-traffic calmer kif ukoll hemm min igerger, fejn bħas-soltu mpossibli taġevola lil kulħadd sfortunatament. Fuq nota oħra tajjeb li wieħed jinnota illi dik hija triq arterjali u ma taqax dirett taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill.

1.4.C2 Il-kunsilliera Speranza Chircop infurmat il-kunsill illi kienet qiegħeda tagħmel arranġamenti kollha neċessarji biex torganizza ħarġiet ta' interess fix-xahar ta' Frar kemm għal-irġiel kif ukoll għal familji u tfal.

1.4.C3 Il-Kunsilliera Speranza Chircop staqsiet x'kien ġara mis-seabin, fejn is-Sindku infurma illi kellu jinqala minħabba l-maltemp u li kien ser jikkomunika man-nies involuti biex jara meta ser ikun qed jerġa' jeħel.

1.4.D 1 Is-Sur Bruno allavolja ma kienx għadda dan il-punt biex jitniżżel fl-agenda formalment xtaq illi r-rapport li qed iħejji l-contracts manager rigward il-kuntratturi tal-kunsill għandom jintbgħatu lill-kunsilliera kollha biex b'hekk huma wkoll ikunu infurmati b'dak li jkun qed jiġri matul ix-xahar bħala informazzjoni għalihom.

**1.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

1.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' ħlasijiet (Skeda nru1/20) għall-approvazzjoni.

1.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**1.6 Mozzjonijiet**

1.6.1 Ma kienx hemm

**1.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

1.7.1 Is-Seduta ntemmet fis-7:00 pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-18 ta' Frar 2020 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Elaine Caruana** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |